

*“Artikolu 850k Kont eżentat mis-sekwestru*

*(1) Meta l-bilanċ ikkreditat lill-kont tad-debitur ma' istituzzjoni ta' kreditu, fejn tali kont ikun eżentat mis-sekwestru, jiġi ssekwestrat, id-debitur jista' jiddisponi mill-bilanċ sal-ammont tal-kwota fix-xahar skont l-Artikolu 850c(1), l-ewwel sentenza, flimkien mal-Artikolu 850c(2a), sa tmiem ix-xahar kalendarju rispettiv; f'dan ir-rigward, il-bilanċ mhux soġġett għal sekwestru. Il-bilanċ, fis-sens tal-ewwel sentenza, jinkludi kull bilanċ li ma jistax jitħallas lill-kreditur jew jiġi ttrasferit sal-iskadenza tal-perjodu previst mill-Artikolu 835(4). Sa fejn, matul ix-xahar kalendarju rispettiv, id-debitur ma jkunx iddispona mill-bilanċ għall-ammont li jkun eżenti mis-sekwestru skont l-ewwel sentenza, dan il-bilanċ ma għandux ikun soġġett għal sekwestru fix-xahar kalendarju segwenti, apparti l-bilanċ eżentat mis-sekwestru skont l-ewwel sentenza. L-ewwel sat-tielet sentenza għandhom japplikaw mutatis mutandis, fil-każijiet li fihom il-bilanċ ikkreditat lil kont kurrenti tad-debitur ikun ġie ssekwestrat, u tali kont kurrenti jinbidel f'kont eżentat mis-sekwestru qabel ma jiskadu l-erba' (4) ġimgħat wara n-notifika tal-ordni tal-qorti fir-rigward tat-trasferiment.*

*(2) Fl-aspetti l-oħra kollha, is-sekwestru tal-bilanċ tal-kreditu għandu jitqies bħala li kien ġie ordnat soġġett għall-kundizzjoni li l-ammonti li ġejjin ma jkunux soġġetti għas-sekwestru, u b'hekk tiżdied il-kwota skont is-subartikolu (1):*

*1. L-ammonti eżentati mis-sekwestru skont l-Artikolu 850c(1), it-tieni sentenza, flimkien mal-Artikolu 850c(2a), l-ewwel sentenza, huma meta*

*a) id-debitur ikun qed iħallas manteniment lil persuna waħda jew aktar abbażi ta' obbligi statutorji, jew*

*b) id-debitur ikun qed jirċievi benefiċċji pekunjarji skont it-Tieni jew it-Tnax-il Ktieb tal-Kodiċi Soċjali (Sozialgesetzbuch) għall-persuni li jgħixu miegħu f'unità domestika fis-sens kif definit mill-Artikolu 7(3) tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Soċjali jew mill-Artikoli 19, 20, 36, l-ewwel sentenza, jew mill-Artikolu 43 tat-Tnax-il Ktieb tal-Kodiċi Soċjali, li fil-konfront tagħhom, id-debitur ma jkollux l-obbligu li jħallas manteniment f'konformità mad-dispożizzjonijiet statutorji;*

*2. Benefiċċji pekunjarji mhux rikorrenti fis-sens kif definit mill-Artikolu 54(2) tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Soċjali u benefiċċji pekunjarji li jservu ta' kumpens għall-infiq addizzjonali li jirriżulta minn diżabilità fiżika jew mard, fis-sens kif definit mill-Artikolu 54(3) numru 3 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Soċjali;*

*3. Benefiċċji tat-tfal jew kull benefiċċju pekunjarju ieħor li jiġi riċevut fir-rigward tat-tfal, sakemm dawn il-benefiċċji ma jkunux issekwestrati minħabba talba mit-tfal li qed jingħataw il-benefiċċji, jew li qed jiġu kkunsidrati l-benefiċċji għalihom għall-pagament ta' manteniment.*

*Għall-ammonti rregolati mill-ewwel sentenza, għandu japplika, mutatis mutandis, is-subartikolu (1), it-tielet sentenza.*

*(3)L-ammont mhux issekwestrat mill-qorti inkarigata mill-eżekuzzjoni fl-ordni ta' sekwestru għandu jieħu post l-ammonti eżentati mis-sekwestru skont is-subartikolu(1) u s-subartikolu (2), l-ewwel sentenza, in-numru 1, jekk il-bilanċ ikun issekwestrat minħabba l-pretensjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 850d.*

(4) Il-qorti responsabbli għall-eżekuzzjoni tista' tiddetermina ammont li għandu jkun eżentat mis-sekwestru, malli tiġi ppreżentata t-talba korrispondenti, li jkun ivarja mill-ammont stabbilit fis-subartikolu (1), is-subartikolu (2), l-ewwel sentenza, in-numru 1 u s-subartikolu (3). L-Artikoli 850a, 850b, 850c, 850d(1) u (2), l-Artikoli 850e, 850f, 850g u 850i kif ukoll l-Artikoli 851c u 851d tal-Kodiċi preżenti kif ukoll l-Artikolu 54 is-subartikolu (2), is-subartikolu (3) in-numri 1,2 u 3, is-subartikoli (4) u (5) tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Soċjali, l-Artikolu 17 (1), it-tieni sentenza, tat-Tnax-il Ktieb tal-Kodiċi Soċjali u l-Artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu (Einkommensteuergesetz) għandhom japplikaw mutatis mutandis. Fl-aspetti l-oħra kollha, il-qorti tal-eżekuzzjoni għandha l-awtorità li toħroġ l-ordnijiet stabbiliti fl-Artikolu 732(2).

(5) L-istituzzjoni ta' kreditu għandha l-obbligu, fil-konfront tad-debitur, li tħallas skont l-arranġamenti kuntrattwali fis-seħħ f'dak li jirrigwarda l-bilanċ tal-kreditu li mhuwiex soġġett għas-sekwestru f'konformità mas-subartikoli (1) u (3). Dan għandu japplika għall-ammonti mhux soġġetti għas-sekwestru skont is-subartikolu (2) sa fejn biss id-debitur jagħti prova – billi jippreżenta ċertifikat mill-impjegatur tiegħu, mill-istituzzjoni li qed tħallas il-benefiċċji tat-tfal (Familienkasse), mill-awtorità li qed tħallas il-pagamenti ta' sussistenza jew kwalunkwe persuna jew awtorità adattata fis-sens tal-Artikolu 305(1) numru 1 tal-Istatut dwar l-Insolvenza (Insolvenzordnung, InsO) – li l-bilanċ tal-kreditu mhuwiex soġġett għal sekwestru. Il-ħlas mill-istituzzjoni ta' kreditu lid-debitur għandu effett liberatorju jekk ma jkunx akkonoxxenza li ċ-ċertifikat ma jkunx korrett, jew jekk ma jkunx akkonoxxenza minħabba negliġenza gravi min-naħa tiegħu. Meta d-debitur ma jkunx f'pożizzjoni li jippreżenta prova kif stipulat fit-tieni sentenza, il-qorti inkarigata mill-eżekuzzjoni għandha tiddetermina l-ammonti f'konformità mas-subartikolu (2) hekk kif tiġi ppreżentata t-talba korrispondenti. L-ewwel sar-raba' sentenza japplikaw ukoll fir-rigward ta' kwalunkwe ammont iddepożitat.

(6) Meta benefiċċju pekunjarju skont il-Kodiċi Soċjali jew benefiċċji tat-tfal jiġu kkreditati f'kont eżentat mis-sekwestru, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tibbilanċja t-talba li tirriżulta mill-kreditu minn dawk it-talbiet biss, jew tpaċi biss dawk it-talbiet minn tali kreditu, għal perjodu ta' erbatax-il jum (14-il jum) mid-data li fiha tali ammont ikun ġie kkreditat, li hija intitolata għalih bħala remunerazzjoni għall-ġestjoni tal-kont jew abbażi ta' dispożizzjonijiet fuq il-kont mill-benefiċjarju matul dak il-perjodu. Sal-ammont ta' bilanċ tal-kreditu li jifdal minn hemm 'il quddiem, l-istituzzjoni ta' kreditu mhijiex awtorizzata, għal perjodu ta' erbatax-il jum (14-il jum) mid-data li fiha tali ammont ikun ġie kkreditat, li tirrifjuta li timplimenta struzzjonijiet ta' pagament għal nuqqas ta' fondi jekk il-benefiċjarju jagħti prova, jew inkella jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun akkonoxxenza, li l-ammont ikkreditat huwa benefiċċju pekunjarju mogħti skont il-Kodiċi Soċjali, jew li jikkonsisti minn benefiċċji tat-tfal. Ir-remunerazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-ġestjoni tagħha tal-kont tista' wkoll titpaċa mal-ammonti skont is-subartikoli minn (1) sa (4).

(7) Fil-ftehim li fuqu hija bbażata l-ġestjoni ta' kont kurrenti, il-klijent, li jkun individwu, jew ir-rappreżentant legali tiegħu jista' jaqbel mal-istituzzjoni ta' kreditu li l-ammont kurrenti għandu jiġi ġestit bħala kont eżenti mis-sekwestru. Il-klijent jista', fi kwalunkwe mument, jitlob li l-istituzzjoni ta' kreditu ġġestixxi l-kont kurrenti tiegħu bħala kont eżentat mis-sekwestru. Meta l-bilanċ ikkreditat lill-kont kurrenti diġà jkun ġie ssekwestrat, id-debitur jista' jitlob li l-kont kurrenti jinżamm bħala kont eżentat mis-sekwestru mill-bidu tar-raba' (4) jum bankarju tax-xogħol wara d-data li fiha jkun għamel id-dikjarazzjoni korrispondenti.

(8) Kull persuna tista' iżomm biss kont wieħed eżentat mis-sekwestru. Fl-arranġamenti kuntrattwali, il-klijent għandu jaċċerta lill-istituzzjoni ta' kreditu li ma għandu l-ebda kont ieħor eżentat mis-sekwestru. L-istituzzjoni ta' kreditu tista' tinnotifika lis-servizzi tal-informazzjoni li għandha f'idejha l-ġestjoni ta' kont eżentat mis-sekwestru għall-klijent. Is-servizzi tal-informazzjoni jistgħu jużaw din l-informazzjoni biss biex jipprovdur informazzjoni lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jagħmlu domandi korrispondenti sabiex jivverifikaw il-veraċità tal-aċċertament li jkun sar f'konformità mat-tieni sentenza hawnhekk, dwar jekk il-persuna kkonċernata għandhiex jew le kont eżentat mis-sekwestru. Anki jekk is-suġġett tad-data jagħti l-kunsens tiegħu, mhuwiex ammissibbli li d-data tinġabar, tiġi pproċessata jew użata għal kwalunkwe skop ieħor għajr dak stabbilit fir-raba' sentenza.

(9) Meta, kuntrarjament għal dak stipulat fis-subartikolu (8), l-ewwel sentenza, debitur ikollu diversi kontijiet kurrenti bħala kontijiet eżentati mis-sekwestru, il-qorti inkarigata mill-eżekuzzjoni tordna, fuq preżentazzjoni ta' talba korrispondenti minn kreditur, li huwa biss il-kont kurrenti magħżul mill-kreditur fit-talba li jkun se jibqa' kont eżentat mis-sekwestru. Il-kreditur għandu juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-prerekwiżiti stabbiliti fl-ewwel sentenza jkun għew issodisfati billi jippreżenta d-dikjarazzjonijiet korrispondenti mid-debituri terzi. Id-debitur ma jinstemax. Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata lid-debituri terzi kollha. Malli d-deċiżjonijiet jiġu notifikati lil dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom f'idejhom il-ġestjoni tal-kontijiet kurrenti li ma jkunux għew iddeterminati bħala kontijiet eżentati mis-sekwestru, l-effetti stabbiliti fis-subartikoli minn (1) sa (6) għandhom jiġu fi tmiemhom.

Artikolu 850l Ordni dwar l-ammonti mhux sekwestrabbli li għew ikkreditati fil-kontijiet eżentati mis-sekwestru

Fuq preżentazzjoni ta' talba korrispondenti mid-debitur, il-qorti inkarigata mill-eżekuzzjoni tista' tordna li l-bilanċ tal-kreditu fil-kont eżentat mis-sekwestru ma jkunx soġġett għal sekwestru għal terminu sa tmax-il xahar (12-il xahar) jekk id-debitur jagħti prova li, fis-sitt (6) xhur ta' qabel id-data li fiha jkun ippreżenta t-talba, il-biċċa l-kbira tal-ammonti kkreditati fil-kont imsemmi kienu ammonti mhux sekwestrabbli, u jekk id-debitur jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-qorti li wieħed jista' jistenna li l-biċċa l-kbira tal-ammonti li se jiġu kkreditati fil-kont fit-tmax-il xahar (12-il xahar) segwenti se jkun wkoll ammonti mhux sekwestrabbli. Il-qorti tista' tirrifjuta li toħroġ din l-ordni jekk din tkun imxekkla minn interessi sovrapposti tal-kreditur. L-ordni tiġi revokata, fuq preżentazzjoni ta' talba korrispondenti mill-kreditur, jekk il-prerekwiżiti għaliha ma jkunux aktar preżenti, jew jekk l-ordni tkun imxekkla minn interessi sovrapposti tal-kreditur”.